# 50 SENA ILU

Grajja sabiħa li jixirqilha tibqa' mfakkra fil-ħajja tal-Parroċċa u tal-Knisja tagħna hija t-tqegħid u t-tberik tal-lunetta tal-Mużajk fil-faċċata tal-Knisja.

Din l-opra ta' arti kbira saret fl-"Scuola del Mosaico" tal-Vatikan u waslet l-Imġarr fil-bidu tat-Tieni gwerra, 1939, meta x-xogħol fil-bini tal-Knisja kellu jieqaf minħabba l-gwerra.

Malli spiċċat il-gwerra bir-rebħa ta' l-Ewropa li seħħet fil-festa tal-Madonna, fit-8 ta' Mejju 1945, il-Kappillan Dun Edgar Salomone, li minn flusu kien irregala din l-opra tal-mużajk lill-Knisja, ried li jitwaqqaf monument ta' Radd il-Ħajr lill-Madonna għall-interċessjoni tagħha quddiem Alla biex Malta u, b'mod speċjali r-raħal tagħna, baqgħu ħielsa mit-tifrik sħiħ tal-gwerra. Għalhekk huwa ħaseb biex fit-13 ta' Awissu ta' l-istess sena, 1845, tiġi mqegħda l-lunetta tal-mużajk fil-faċċata tal-Knisja. Hija tirriproduċi l-pittura famuża tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna ta' Guido Reni. L-Arċisqof Mikiel Gonzi gie mistieden biex wara li jamministra s-Sagrament tal-Grizma lit-tfal tal-Parroċċa, Huwa stess ibierek dan il-mużajk u jikxfu għall-qima tal-poplu kollu.

F'dik l-okkażżjoni, Dun Oraz Vella ġie mistieden biex jagħmel diskors lill- gemgħa tal-poplu miġbura fil-Pjazza waqt li Kor Parrokkjali ha sehem billi sebbaħ l-okkazzjoni bil-



kant ta' tifħir lill-Madonna

Dun Oraz beda biex feraħ lill-Arċisqof Gonzi li fil-bidu ta' dik is-sena kien gie mogħti t-titolu ta' Arċisqof ta' Malta billi Malta twaqqfet bħala Arċidjoċesi Metropolita u dik kienet l-ewwel darba li l-Arċisqof kien qiegħed iżur il-Parroċċa wara din il-ġrajja.



Dun Oraz kompla imbagħad billi qal:" .......Iżda l-kotra ta' nies hawn miġbura, il-presenza stess ta' l-Arċisqof tagħna f'din il-Pjazza jfakkruni li aħna llum iltqajna hawn għal dmir ieħor ukoll: id-dmir li nroddu l-ħajr xieraq lill-Kappillan tagħna tar-rigal kbir li huwa għoġbu jagħti lill-Knisja tagħna. Anzi jiena rrid ukoll ngħid li l-E. T. l- Arċisqof qagħad ftit ieħor hawn fostna biex Huwa wkoll jissieħeb magħna fil-ħajr li rridu nroddu lir-Ragħaj tal-Parroċċa tagħna.

Kien għoddu ġa beda jiddallam iż-żmien bi sħab tqil , oħxon tal-gwerra, meta l-kappillan għamel il-ħsieb li jżejjen b'opra artistika l-faċċata tal-Knisja li l-bini tagħha kien qiegħed joqrob għalbiex ikun mitmum. Huwa ħaseb x'seta' jsir, u wara tnisslet ix-xewqa tiegħu li jordna l-Assunzjoni ta' Sidna Marija maħduma fil-mużajk bħala kopja tal-pittura magħrufa ta' Guido Reni. Dan ix-xogħol sar b'reqqa kbira fl-Iskola tal-Mużajk tal-Vatikan u, kif seta' wieħed jistenna minn ditta magħrufa mad-dinja kollha għax-xogħlijiet artistiċi kbar tagħha, din l-opra rnexxiet ħafna.




L-E. T. l-Arċisqof dalwaqt jikxef ix-xbiha sabiħa ta' l-Assunzjoni. Mbagħad, jiena nittama, kulħadd




ikun jista' jifhem kif Malta għandha tirringrazzja lill-Kappillan tagħna ghal din l-opra artistika mitwielda bid-dehen u bil-flus tiegħu ........kull Malti li jħobb il-ġieh ta' l-arti u jrid il-postijiet pubbliċi tagħna u l-aktar il-knejjes imżejnin b'opri kbar ta' arti vera jkollu għax jifraħ: Malta jkollha tassew il-jedd li tiftaħar b'din ix-xbiha sabiħa tal-Mużajk.

U l-Imġarr kollu llum u, nittama , li dejjem jistqarr li jibqa' jafulu l-Missier tiegħu dan ir-rigal kbir u għażiż. U kull meta fiz-żmien li ġej jara din ix- xbiha tleqq fi tlugħ ix-xemx jiftakar fil-ħidma tar-ragħaj tiegħu għal dan it- tempju u fil-qalb tiegħu ta' Missier.

U l-Madonna tielgħa fil-glorja li kienet tistħoqqilha bħala dik li kienet ħadet sehem hekk mill-qrib fil-fidwa tal-bniedem tibqa' tħares minn dak il-għoli tas- Sema lejn dan ir-raħal zgħir u tħarsu, tbierku u twennsu. U tħares ukoll minn din l-ibgħad parroċċa fil-Punent tal-Gzira lejn Malta kollha u tħarisha, tberikha u twennisha. U lilna l-Imġarrin u lill-Maltin kollha jiena nistħajjilha turina l-glorja li hemm tistenniena fis-Sema wara ħajja qaddisa; tistedinna lkoll issa nimxu fuq l-eżempju tal-ħajja l-iktar qaddisa tagħha biex imbagħad tħejjilna t-tron fis-Sema."" Fl-aħħar tad-diskors tiegħu, Dun Oraz indirizza lill-Kappillan u qallu: ""Sur Kappillan nerga' għalhekk nirringrazzjak f'isem kull min iħobb is-sewwa, it-tajjeb u s-sabiħ fl-arti, u speċjalment nirringrazzjak f'isem ir-raħal tiegħi l-Imġarr. Irrid nixtieqlek li dak it-

tħabrik li wasslek, megħjun mill-poplu ġeneruż tagħna, biex tara l-Knisja fil-biċċa l-kbira tagħha mitmuma, u issa mżejna b'din l-opra artistika, bħal issa sena tkun inkurunat ghal kollox bl-isforz ġeneruż tagħna lkoll l-Imġarrin parruċċani tiegħek, u hekk inti u aħna jkollna għax nifirħu meta darba oħra nistiednu fostna lill-E. T. l-Arċisoqf biex jikkonsagra din il-Knisja li saret għall-imħabba ta' Kristu Ewkaristiku u tal- Madonna."" Ix-xogħol tal-bini tal-Knisja kien reġa' beda fl-20 ta' Frar ta' dik is-sena.

Mons. Arċisqof kixef u bierek dan il-mużajk fost id-daqq tal-qniepen u l-ferħ tal-poplu Mġarri waqt il-kant tal-Innu "L-Imġarr Bin Marija" mill-Kor Parrokkjali F' Mejju ta' dik l-istess sena, 1945, kien ġie imbierek w inawgurat il-fonti l-ġdid tal-Magħmudija, opra fl-irħam tas-Surmast Spiteri. Il-Fonti huwa s-simbolu tal-għaqda ta' membri ġodda fil-komunita Parrokkjali u għalhekk huwa miżmum b'għozza kbira fil-Liturġija tal-Knijsa.

Il-fonti l-qadim, xogħol raffinat fil-ġebel, kien tqiegħed bħala tifkira għal dejjem fl-arzella zgħira quddiem il-fonti l-ġdid biex tibqa' tidher l-għaqda u t-tkomlija fil-ħajja tal-Parroċċa sa mill-bidu tagħha f'Ottubru 1898 meta kien ġie mżanżan dan il-fonti.

Kien ukoll f'dik l-istess sena, ħamsin sena ilu, li Dun Oraz Vella, fit-18 ta' Diċembru 1945, gie maħtur Kappillan tal-Parroċċa ta' Hal Għargħur. Kien l-ewwel saċerdot mill-parroċċa li ġie afdat bit-tmexxija tal-ħajja ta' parroċċa fid-djoċesi. Wara disa snin, Dun Oraz kien ġie maħtur l-Ewwel Kappillan Mġarri tal-Parroċċa tagħna.

Dun Alwiġ

